**27 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Thomas Spiteri**

**Rekwiżizzjoni — "Housing Department" — "Lawful Excuse" — Appell — Art. 17(1) u 18(4) tal-Att II tal-1949.**

*Stante dispożizzjoni eċċezzjonali fil-liġi rilevanti, l-Attorney General jista' dejjem jappella minn sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati li tkun illiberat lill-imputat, akkużat li ma obdiex ordni ta' rekwiżizzjoni ta' fond.*

*"Requisition Order" ma jistgħax jiġi diżubbidit ħlief jekk ikun hemm "lawful excuse"; u din l-iskuża leġittima ma tirrigwardax l-opportunità jew l-espedjenza tal-"order", jekk dan ikun ħareġ mill-Awtorità kompetenti u bil-forma legali, imma tirrigwarda biss xi ħaġa li mpedixxiet lil min ikun irċieva l-ordni milli jeżegwieh.*

*Il-fatt li wieħed ikun kera l-post lil ħadd ieħor ma huwiex "lawful excuse" biex huwa ma jobdix l-ordni tar-rekwiżizzjoni u jimmetti fil-fond lill-persuna li lilha huwa jkun kera l-post.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq talba tas-Segretarju tal-Housing Department, kontra l-imputat, talli f'dawn il-Gżejjer naqas li jikkonforma ruħu mar-rekwiżizzjoni numru 14405. notifikata lilu mill-Pulizija fit-28 ta' Diċembru 1960, fejn kien mitlub biex iċedi l-pussess tal-fond numru 107 New Street, Sliema, bi ksur tal-art. 4(1) tal-Att numru II tal-1949, u għal daqshekk is-Segretarju tal-Housing Department talab li l-Qorti jgħoġobha tagħti lill-ħati żmien biżżejjed biex jikkonforma ruħu mal-imsemmija rekwiżizzjoni u biex jagħti l-post lura lid-Dipartiment tad-Djar skond l-art. 17(1) tal-Housing Act numru II tal-1949;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-13 ta' April 1961, li biha lliberat lill-imputat fuq il-motiv li hu kien kera l-post qabel ma rċieva r-"requistion order", vwoldieri f'Novembru li għadda;

Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella middeċiżjoni fuq imsemmija, u talab li l-imputat jiġi dikjarat ħati u kundannat skond il-liġi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Għandu jingħad, qabel xejn, illi deċiżjoni simili hi dejjem appellabbli mill-Attorney General, stante d-dispożizzjoni eċċezzjonali tal-art. 18(4) tal-Att II tal-1949;

Hu paċifiku li "requisition order" ma jistgħax jiġi diżubbidit ħlief jekk ikun hemm "lawful excuse", fis-sens tal-art. 17(1) tal-Att fuq imsemmi u fis-sens tal-ġurisprudenza li spjegat li din l-iskuża leġittima ma tirrigwardax l-opportunità jew l-espedjenza tal-"order" (salv dejjem li dan ikun ġie maħruġ mill-Awtorità kompetenti u bil-forma legali), imma tirrigwarda biss xi ħaġa li mpediet lil min ikun irċieva l-ordni milli jeżegwixxi l-"order" (Vol. XXXII-IV-716, u anki p. 1024);

Issa, hu ovvju li l-fatt li s-sid ikun ġa kera l-post ma hix "lawful excuse"; għaliex, kieku kien hekk, allura jiġi frustrat għal kollox l-iskop tal-Att fuq imsemmi, in kwantu li f'każ simili tidħol fil-post il-persuna li lilha s-sid ikun ta l-lokazzjoni, minflok dik li għal raġunijiet ta' nteress publiku l-Gvern ikun allokalha l-post minnu rekwiżizzjonat. Wieħed għandu, s'intendi, jissupponi (u l-Qorti qegħdha tassumi, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja) li r-"requisition order" issir mhux biss "rite", imma anki "recte", ċjoè li ssir verament għall-każ ta' bżonn skond il-liġi in materja;

Jirriżulta f'dan il-każ illi, "wara" n-notifika tar-"requisition order", billi l-inkwilin preċedenti kien ġa kkon-

senja ċ-ċwievet lill-Gvern, l-appellat skassa l-bieb (hu jew permezz ta' ibnu), għamel serratura ġdida, u daħħal lill-familja li lilha kien krielha l-post;

Dan l-aġir kien bla dubju jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-liġi; għaliex anki jekk l-appellat kien ġa kkonċeda l-lokazzjoni tal-fond lil ħadd ieħor, jibqa' dejjem li hu, fiż-żmien li fih kien ġa notifikat bir-"requisition order", u għalhekk svestit mill-pussess tal-fond, minflok ma kkonforma ruħu mal-Ordni, qabad u daħal ġol-post u immetta fih lill-inkwilin tiegħu;

L-avukat tal-Kuruna u x-xhud Camilleri ddikjaraw li fil-fatt il-Gvern mhux bi ħsiebu joħroġ mill-fond il-familja Castillo li issa daħlet fih, stante ċ-ċirkustanzi speċjali pjetużi li jirrigwardaw il-każ ta dik il-familja. u għalhekk ma jkunx hemm bżonn li l-Qorti tagħti f'din il-kawża, il-provvediment viżwalizzat fit-tieni subartikolu tal-art. 17, li del resto jingħata "where the occasion so requires". Tibqa' però l-imputazzjoni, u l-Qorti ma tistgħax ċertament tħares b'indulġenza lejn att ta' "ragion fattasi", intiż biex tiġi newtralizzata l-liġi. Gwaj għal dak il-pajjiż li fih l-abbuż u l-vjolenza tal-privat jissostitwixxu ruħhom għar-"rule of the law" fonti u bażi tal-bwon ordni;

Għal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-Attorney General, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-appellat ħati skond l-imputazzjoni, u wara li rat l-art. 17(1) tal-Att fuq imsemmi tikkundannah għall-piena tal-multa ta' sitt liri (£6), titħallas żmien sitt ijiem mil-lum.